REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 904/2009

tat-28 ta' Settembru 2009

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-guanidinoacetic acid bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għas-simna

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata biddettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-guanidinoacetic acid (CAS Nru 352-97-6) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għas-simna, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi nutrittivi" u l-grupp funzjonali "amino aċidi, l-imluħ u l-analogi tagħhom".

(4) Mill-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tat-3 ta' Marzu 2009 [2], jirriżulta li l-guanidinoacetic acid (CAS Nru 352-97-6) m'għandux effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-evalwazzjoni ta' dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi nutrittivi" u mill-grupp funzjonali "amino aċidi, l-imluħ u l-analogi tagħhom", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 988, 1.

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi nutrittivi. Grupp funzjonali: aċidi amino, l-imluħ u l-analogi tagħhom.									
3c3.7.2	—	Guanidinoacetic acid	Kompożizzjoni tal-addittiv: Guanidinoacetic acid b'purità ta' mill-anqas 98 % (abbażi ta' materja niexfa) Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Guanidinoacetic acid CAS Nru 352-97-6 ($C_3H_7N_3O_2$) prodotta permezz ta' sinteżi kimika b': ≤ 0,5 % dicyanamide ≤ 0,03 % dicyanamide Metodu analitiku ([1]): Kromatografija jonika (IC) b'tiftix tal-UV (λ = 200 nm)	Tiġieġ għassimna	—	600	600	Il-kontenut ta' umdità għandu jkun indikat. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita minn qabel.	19 ta' Ottubru 2019

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives